KUNSILL LOKALI NADUR

# MINUTI

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali Nadur

## TMIEN (8) LEĠISLATURA

## Laqgħa Numru Wieħed u Ħamsin (51)

## It-Tnejn, 10 ta' Lulju, 2018

Il-Kunsill Lokali tan-Nadur iltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fi Triq it-Tramuntana, Nadur (Għawdex), fil-7:00pm ta' filgħaxija.

**PREŻENTI:**

| | |
|---|---|
| Edward Said | Sindku |
| Eucharist Camilleri | Viċi-Sindku |
| Dr. Rita Mifsud | Kunsilliera |
| Michael Camilleri | Kunsillier |

**UFFIĊJALI PREŻENTI:**

| | |
|---|---|
| Sue Ellen Buġeja | Segretarju Eżekuttiv |
| Matthias | Ambaxxatur taż-Zgħażagħ |

**SKUZATI:**

| | |
|---|---|
| Dr. Josianne Cutajar | Kunsilliera |

**MINUTI**

Is-Sindku Edward Said ippresieda l-laqgħa.

Il-laqgħa bdiet b'talba.

IFFIRMATA
Edward Said
Sindku

IFFIRMATA
Sue-Ellen Bugeja
Segretarja Ezekuttiva

**51.1. Qari tal-ittri ta' l-apoloġiji.**

Kien hemm ittra ta' apoloġija. Il-Kunsilliera Dr. Josianne Cutajar informat li ma tistax tattendi minħabba li tinsab ma tiflaħx. Din ġiet skużata minn dawk preżenti.

**51.2. Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti.**

Il-Minuti tal-Ħamsin (50) laqgħa tat-12 ta' Gunju, 2018 ġew ikkoreġuti, approvati, iffirmati u ddikjarati bħala dokument uffiċjali.

**51.3. Komunikazzjoni mis-Sindku u mistoqsijiet mill-Kunsilliera.**

***Merħba lil Ambaxxatur taż-Zgħażagħ*** – Is-Sindku flimkien mal-Kunsilliera taw merħba lil Matthias Mercieca. Is-Sindku innota li Matthias għen ukoll flimkien mal-membri ta' l-Għaqda Armar tal-Pjazza sabiex inżarmaw l-Wirja Agrarja.

***WiFi4EU*** – Is-Sindku innota li l-applikazzjonijiet tal-Wifi4EU ġew posposti minn naħa tagħhom għalissa u li ġejna informati li ser ningħataw priorita' meta l-applikazzjonijiet jerġgħu jinfetħu. Dan minħabba xi teknikalitajiet minn barra minn Malta.

***Pink October Campaign 2018-*** Is-Sindku innota li ser nieħdu sehem f'din il-Kampanja u ser jiġi mixgħul it-Torri ta' Kenuna.

***Malta Textile Recycling***- Is-Sindku innota li l-AKL flimkien ma din il-Kumpanija ser ikunu għad-dispożizzjoni tal-Kunsilli biex flimkien ifasslu skeda fejn dan l-iskart jinġabar minn wara l-bieb tad-dar tar-residenti, darba fix-xahar, fil-ġurnata u l-ħin li huwa ta' konvenjent għall-lokalita' rispettiva. Kien hemm qbil li l-Kunsill tan-Nadur jieħu sehem. Is-Segretarja informat li kien hemm kumpanija oħra Re Fab textile Recycling li bgħatet ukoll biex jagħmlu bin barra għall-pubbliku. Il-Kunsill mhux interessat f'dan peress li ga hemm problema fejn il-bring in sites.

***L-effett negattiv fuq l-ambjent meta jittajru l-bżieżaq-*** Il-Kunsill tan-Nadur wera l-interess li jikkollaboraw f'din l-inizjattiva flimkien mal-AKL biex jiġi eliminat l-użu tal-bżieżaq li jittajru waqt attivitajiet imtella' fil-lokal. Se naraw li din tkun inizzjattiva ta Nadur Nadif.

***End of Summer Fest-*** Il-Kunsill qabel li jidħol bil-kollaborazzjoni jerġgħa ma' l-Għaqda Armar Triq il-Knisja f'din l-attivita' bl-ammont ta' €500.

## 51.4. Korrispondenza.

(6233) Cirkulari Numru SPI 8/2018

(6234) Cir Akl 2018 / 064 – EU Twinning El Verger Spanja

(6235) Cir Akl 2018/063 – Stqarrija ghall-Istampa 13/06/2018

(6236) Enerselves – Invitation to the endorsement seminar

(6237) Reminder – Re Cir Akl 2018/062 – Stedina – Tfassil tal-Politika Nazzjonali Tal-Kultura 2020-2025

(6238) Stqarrija mill-Kumitat Regjonali Centru / Press Release by the Central Regional Committee

(6239) Final Agenda – 20th June 2018 – Business Breakfast in Gozo – Europe for Citizens Programme 2014- 2020

(6240) Posponiment tal-Wifi4EU

(6241) Cir Akl 2018/066-Stqarrija għal-Istampa 19/06/2018

(6242) Cir Akl 2018/067 – Proċedura Stabbilita ta' kif Kunsill japplika għall-Bus Shelter ġdid jew jirraporta ħsarat

(6243) Cir Akl 2018/071 – Talba minn organizazzjoni mill-Grecja – Shubija fil-proġett iffinanzjat mill-EEA Grants

(6244) Cir Akl 2018/070 – Ġbir ta' informazzjoni – Ħrug ta' Permessi mill-Kunsilli Lokali

(6245) Cir Akl 2018/06- Stedina għall-BBQ f'għeluq il-25 sena ta' Gvern

(6246) Cir Akl 2018/068 – Rapport – Sistema ta' Zvilupp li tħares l-interess ta' kulhadd

(6247) Cir Akl 2018/072 – Dokument- L-effett negattiv tal-bżieżaq li jittajru

(6248) Cir Akl 2018/057 – Laqgħa Plenarja 07/07/2018

(6249) Cir Akl 2018/075 – Malta Textil Recycling

(6250) Cir Akl 2018/067 – Proċedura Stabbilita ta' kif Kunsill japplika għall-Bus Shelter ġdid jew jirraporta ħsarat

(6251) Ittra mingħand NTYC ta' ringrazzjament

(6252) Minuti – Laqgħa tal- Eżekuttiv Nu. 8 31/05/2018

(6253) Cir AKL 2018/077 – Proċedura Stabbilita ta' kif Kunsill jirraporta ħsarat fil-provista tal-ilma/drenaġġ

(6254) Cir Akl 2018/072 – Dokument- L-effet negattiv tal-bżieżaq li jittajru

(6255) Cir AKL 2018/079 – Faculty for Social Wellbeing

IFFIRMATA
Edward Said
Sindku

IFFIRMATA
Sue-Ellen Bugeja
Segretarja Ezekuttiva

(6256) Ittra mingħand Għaqda Armar Triq il-Knisja

**51.5. Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Iskeda ta' Pagamenti.**

Is-Sindku ta' update rigward is-sitwazzjoni finanzjarja lil Kunsilliera preżenti. Kien hemm xi kontijiet li ma kienux fuq l-iskeda tal-pagamenti li ġew approvati. L-iskeda ta' pagamenti ġiet approvata minn dawk preżenti. Il-laqgħa tal-Finanzi ser tkun fil-31 ta' Lulju u fl-1 ta' Awissu ser ikun hemm laqgħa mad-Direttur tal-Gvern Lokali fil-Kunsill tan-Nadur dwar l-izbalanċ finanzjarju tal-Kunsill.

**51.6 Mnarja 2018- Post Mortem**

Is-Sindku innota li l-attivitajiet kollha tal-Imnarja kienu ta' suċċess. Il-Wirja Agrarja din is-sena kienet sabiħa ħafna bhala *layout* u kien hemm record ta' nies f'din l-attivita'. Is-Sindku innota li s-sena d-dieħla jkun aħjar li l-monti ma jsirx qabel u anke wara l-festa minħabba l-armar tal-Festa. Kien hemm qbil fuq dan. Il-Viċi Sindku, Eucharist Camilleri issuġġerixxa li s-sena id-dieħla nordnaw bollards ġodda biex ma jidħlux il-karozzi fejn il-parti li jkun armat il-palk. Kien hemm qbil fuq dan ukoll.

**51.7 Annual Meeting Charter 2018;**

Is-Sidku innota li l-hosting huwa lest u d-delegazzjonijiet infurmati b'kollox. Is-Sindku innota li TM qed jgħinu ukoll fir-rigward ta' street closures waqt l-attivitajiet. Is-Sindku u l-Viċi Sindku għandhom il-Press Conference nhar it-Tlieta flimkien mal-Valletta 18 u l-Ministru għal Għawdex. Kien hemm qbil li nistiednu lil Ta Verna Folk Group.

**51.8 Attivitajiet, Skemi u Inizjattivi;**

***World Cup Event*** – Is-Sindku innota li ġie infurmat mil-preżentaturi u ħaddiema tat-TVM li din l-attivita' fin-Nadur kienet l-aktar waħda ta' suċċess.

***Wine Festival 2018***- Is-Sindku innota li fil-granet li ġejjin ser jinħargu l-kwotazzjonijiet tad-dawl u PA system.

**Tiġrija Zwiemel –** Is-Sindku nnota li l-organizzaturi talbuh ftit ġranet qabel it-Tiġrija sabiex ngħinu ftit aktar peress li l-ispejjeż marbuta ma TM, pulizija u ambulanza għolew, u ma kienux ser ikunu f'posizzjoni

li jorganizzawa. Is-Sindku talab approvazzjoni għal għajnuna relatata ma spejjeż ta' Traffic Management minn TM. Kien hemm qbil fuq dan.

**Attivita Librerija –** Is-Sindku informa li ser issir attivita ta crafts fil-Librerija nhar it-22 ta' Settembru fl-10.00am u ser joħroġ reklam fuq gazzetta tal-Knisja.

**Summer Fest Daħlet Qorrot –** Is-Sindku ressaq talba minn Nadur Youngsters għal kollaborazzjoni u kien hemm qbil li nikkollaboraw fejn jidħlu spejjeż ta traffic management, mwejjed u siġġijiet.

## 51.9 Proġetti u Xogħolijiet Oħra

***Kwotazzjonijiet-*** Is-Segretarja innotat li ser jinħargu fil-ġranet li ġejjien il-kwotazzjonijiet tal-knis fi Triq San Blas u ta' l-area tax-Xagħri. Dawn ser joħorġu bħala kwotazzjoni minħabba l-bdil fit-thresholds. Kien hemm qbil dwar dan.

***Offerti:-***

***NLC/06/2018- Tender for the supply of Ready Mixed Concrete-*** Kien hemm erba' offerti. Is-Sindku ma ħax sehem fid-diskussjoni u ħalla l-kamra. L-orħos offerta u konformi kienet ta' Gatt Enterprises Ltd bl-ammont ta' €9,498.50 excl. Vat li ġiet approvata wara li kienet rakommandata mill-Board ta' l-Evalwazzjoni.

***NLC/07/2018- Tender for the hiring of machinery by the Nadur Local Council-*** Kien hemm żewġ offerti. Is-Sindku ma ħax sehem fid-diskussjoni u ħalla l-kamra. L-orħos offerta u konformi kienet ta' Peter Paul Said bl-ammont ta' €4,125 excl. Vat li ġiet approvat wara li kienet rakommandata mill-Board ta' Evalwazzjoni.

***Offerta Triq Zrajk*** – is-Sindku innota li qed nistennew minn naħa tal-WSC biex jibgħatu l-LA qabel jinbeda x-xogħol.

***M4.3 Rural Roads***- Il-Kunsill qed jistenna l-LA ukoll fuq dawn it-toroq (inzul il-Franċizi u ta' Xurdin) minbarra Triq Wied Bingemma li m'għandix bzonn ta' servizzi fiha.

***UIF Funds***: Is-Sindku innota li l-applikazzjonijiet tat-turf tal-grawnd ġiet approvata u ġie iffirmat il-Kuntratt.

***Torri Kenuna***: Se jitnaddaf il-ħġieġ tat-Torri fl-okkażjoni tac-Charter.

## 50.10 Rikjesti u Talbiet mill-Pubbliku

Talba għal patching f'ħofor fi Triq il-Madonna ta' fatima.

IFFIRMATA<br>Edward Said<br>Sindku

IFFIRMATA<br>Sue-Ellen Bugeja<br>Segretarja Ezekuttiva

Talba għal yellow lines fil-Kantuniera ta' l-iskola.

Talba għal no parking sign quddiem is-slipway tal-bajja ta' Daħlet Qorrrot.

Il-Viċi Sindku, Eucharist Camilleri għamel suġġeriment rigward parking lines fit-Toroq Piju Cellini, Xandriku u Dun Guzepp Vella. Dan għandu jiġi diskuss il quddiem. Hu għamel reminder ukoll rigward mera zgħira tal-Familja Azzopardi fi Triq Duru c/w Rabat Rd.

Il-Kunsilliera Dr. Josianne Cutajar bgħatet xi talbiet lis-Segretarja b'e mail li kienu:-

- Talba għal kulur biex jattira l-attenzjoni fix-xifer tar-rampa tal-Pjazza għall-persuni b'dizabilita'. Il-Kunsill talab li jiġi iċċarat liema rampa ezatt.
- Talba biex jerġgħa isir zebgħa ta' disabled parking quddiem no. 18, Qala Rd. Dan ser isir fil-granet li ġejjin.
- Reminder għal bozza fi Triq San Gwann li inkisret. Is-Segretarja innotat li din ġiet ordnata u qed nistennew li tasal.
- Talba biex jitnaddaf passaġġ fl-għelieqi li jiġi faċċata tal-playing field tal-Ħali. Is-Sindku innota li dan ser jitnaddaf wara c-Charter peress li l-ħaddiema għandhom ħafna xogħol.

***Kuntratt ta' l-Attivitajiet bil-kolloborazzjoni-*** Ġie diskuss mill-Kunsilliera Dr. Rita Mifusd flimkien mall-Kunsilliera il bzonn li jibda isir kuntratt ma dawk kollha li l-Kunsill jagħmel kolloborazzjoni fl-attivitajiet. Il-Kunsilliera kollha preżenti qablu li jsir ftehim minn naħa taż-żewġ partijiet biex ikun ċar li r-responsabilita' ta' Health & Safety issues u affarijiet oħra ma tkunx f'idejn il-Kunsill. Il-Kunsilliera Dr Rita Mifsud ser tibgħat draft tal-Kuntratt lis-Segretarja.

***Tiġijiet u Attivitajiet fil-Bajja ta' Daħlet Qorrot-*** Ġie diskuss is-sitwazzjoni li l-Kunsill kellu jidħol fija fir-rigward ta' tiġijiet fil-bajja ta' Daħlet Qorrot. Is-Segretarja innotat li l-Kunsill kien qed jirċievi permessi quddiemu mingħand il-Planning Authority kif ukoll no objection mingħand il-Lands Dept. Il-Kunsill imbgħad kien joħrog biss no objection u permess ta'attivita' bil-prezz skond il-liġi ta' 7 euro. Is-Segretarja innotat ukoll li hi kienet qed tirċievi ħafna ilmenti mir-residenti li jagħmlu uzu minn din il-bajja peress li ma jistgħux jinzlu sa isfel tal-bajja bil-karozza. Il-Kunsill ser jara dwar x'titlob il-liġi fuq dawn l-attivitajiet peress li issa l-Planning Authority mhux qed toħrog permessi minn naħa tagħħa aktar u biex ma jinħoloqx aktar inkonvenjenza lil pubbliku.

**50.11 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss.** Il-laqgħa spiċċat fit-8:30p.m. Il-Kunsill qabel li laqgħa oħra ssir nhar it-Tnejn 13 ta' Awissu fil-4:30p.m.

| | |
|---|---|
| IFFIRMATA | IFFIRMATA |
| Edward Said | Sue-Ellen Bugeja |
| Sindku | Segretarja Ezekuttiva |